**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru: 47/2025 AL

A B u C D

vs

X

(M.R. Numru 1406/2014)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. IIIi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (07/06/2014)(Certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A) u miz-zwieg taghhom ma twieldux ulied;

2. Illi l-partijiet isseparaw nhar il-hdax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (11/07/2023) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Henri Darmanin (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata Dok B);

3. Illi fir-rigward tal-manteniment reciproku, il-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-istess b'mod definittiv;

4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u effettivament ilhom jghixu de facto separati sa minn Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u dan kif jirrizulta anke mill-ittra tal-medjazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok C;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponenti qed jikkonfermaw il-fatti hawn elenkati bil-gurament taghhom anke permezz tal-affidavit taghhom hawn annessi u mmarkati bhala Dok D u Dok E;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjonijiet ġuramentata taz-zewg rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta’ Frar, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Lulju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.